# Jitqaddes Ismek

Frar 2011 ; Ħarġa nru 2

# EDITORJAL

## INĦABBIRKU FIL-ĦIDMA TAL-MULEJ



***Għalhekk, ħuti għeżież żommu sħiħ, titħarrkux; ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej m'hijiex għalxejn (1Kor.15:58)***

Predikatur li kull ma jmur beda jgħejja fil-ministeru tiegħu kellu ħolma. Ra lilu nnifsu quddiem blokka granit u b'baqqun f'idejh. Ix-xogħol tiegħu kien li jkissirha fi bċejjeċ żgħar. Ipprova kemm felaħ, iżda ma rnexxilux jaqta' biċċa ċkejkna. Fl-aħħar, għajjien u ddizappuntat, iddeċieda li jċedi l-armi.

Ħin bla waqt deher wieħed barrani u qallu: *Int ma ġejtx mogħti ordni biex tagħmel dan ix-xogħol? Int fid-dmir li tagħti l-aħjar, jiġri x'jiġri.* Il-predikatur, b'determinazzjoni dejjem imġedda, qabad il-baqun, għollih fl-ajru u niżżlu b'kemm kellu saħħa fuq il-blokka tal-granit, u farrakha f'elf biċċa.

Il-Mulej iridna nkomplu naħdmu u nagħmlu l-ordni ta' Alla, diffiċli kemm hu diffiċli. Anke meta s-suċċess jidher 'il bogħod jew impossibli, jeħtieġ li nibqgħu sodi fl-imġieba, żguri li hemm ħlas kbir għal dawk li jipperseveraw sa l-aħħar.

Tħossok għajjien fis-servizz tiegħek għall-Mulej? Tħossok li qtajt qalbek u int imġarrab biex iċedi l-armi? Ftakar fil-ħolma tal-predikatur. Jew aħjar ftakar fil-wegħda ta' Alla bi kliem l-Appostlu Pawlu: ***Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid; għax jekk ma naqtgħux qalbna, insibuh fi zmienu. (Gal. 6:9)***

**P. Samwel Abela O.Carm**
**Editur**

**Komunita tal-Isem Imqaddes t'Alla**
**Indirizz tal-uffiċċju:**
**10, Triq Mattew Callus, Mosta.**
Tel.: 99453484.

*President:* **Giovanni Chetcuti**
*Editur:* **P. Samwel Abela O. Carm.**

## Werrej:

Editorjal : Paġna 1
Anqas Gharaftek : Paġna 2
Aħbarijiet u Birthdays : Paġna 2
Attivitajiet : Paġna 3
Programm : Paġna 4

# ANQAS GĦARAFTEK

Waħda mara ta' xi erbgħin sena taha attakk tal-qalb u ħaduha tiġri lejn l-isptar. Il-biċċa kienet gravi. Tobba, nurses, mediċini. Kellhom jagħmlulha operazzjonijiet malajr biex isalvawha. Ħin minnhom qalbha waqfet u sabet ruħha quddiem il-Mulej. 'Għalaqli z-zmien hux hekk!'

'Le ..., weġibha Alla, b'nofs tbissima. 'Għad fadallek tlieta u erbgħin sena, xagħrejn u tmint ijiem x'tgħix.'

Il-mara reġgħet stejqret u sabet ruħha mill-ġdid fuq is-sodda ta' l-isptar. Kulħadd skanta kif baqgħet ħajja.

Kollha ferħana li għandha dawk is-snin kollha ta' ħajja garantiti minn Alla nnifsu, il-mara ddeċidiet li tgawdihom kemm tiflaħ. Malli ħarġet mill-isptar marret dritt għand speċjalisti tas-sbuħija. Għamlet kull ma setgħet biex tkun mara sabiħa. Mhux biss bidlet il-kulur ta' xagħrha, imma saħansitra għamlet operazzjonijiet biex tiddritta mneħirha, tneħħi xi tikmix li kien beda jidher f'wiċċha u anke neħħiet xi żewġ tbajja min ħaddejha li kienu jdejquha. Fi ftit kliem riedet tkun lesta biex tapprofitta kemm tiflaħ mis-snin ta' ħajja li kien baqagħlha.

Imma, hekk kif ħarġet mill-klinika tas-sbuħija, meħdija kif kienet b'dawn il-ħsibijiet, qasmet it-triq bi ftit fixla u karozza li kienet għaddejja tajritha u qatlitha. Dlonk reġgħet sabet ruħha quddiem Alla. *Din x'biċċa hi,* qaltlu. *Int ma wegħdtnix li fadalli aktar minn tlieta u erbgħin sena ħajja. Kif ma ħaristnix minn dik il-karozza li baqgħet dieħla fija?*

Bl-aktar mod sempliċi Alla weġibha: *Jiddispjaċini, imma lanqas għaraftek, tant inbdilt bl-operazzjonijiet li għamilt f'wiċċek u f'ġismek ... Ħsibtek xi ħadd ieħor!*

***Kemm aħna boloh meta ma naċċettawx lilna nfusna kif ħalaqna Alla!***

**Nota: Dan il-fuljett qed ikun fil-website tal-Parroċċa tal-Mosta: www.mostachurch.com**

## Aħbarijiet mill-President Giovanni Chetcuti

Matul ix-xahar ta' Jannar, iċċelebrajna l-festa tal-Isem ta' Ġesu, kemm fuq bażi nazzjonali, kif ukoll lokali. Ħadna sehem f'quddiesa li saret fi G'Mangia bħala parti mill-festa nazzjonali u kellna Quddiesa fil-kappella tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu bħala parroċċa li ġiet imxandra fuq TVM. F'dan ix-xahar kellna Quddiesa u Adorazzjoni tal-ewwel Ħamis tax-xahar fil-knisja Arċipretali. Bħala attivitajiet soċjali kellna Afternoon Tea & Tombla li sar fl-Angelo's Bar & Rest., Bugibba.

Irrid nieħu din l-opportunita biex nirringrazzja lil helpers kollha tax-xogħol volontarju li jwettqu. Grazzi lil membri kollha li jieħdu sehem.

## Awguri f'Għeluq sninhom — Frar

Ermenia Cassar, Carmen Cassar, Mary Abela, Guza Muscat, Lucarda Brancaleone, Maria Fenech, Tessie Magro, Rita Borg, Zarena Borg, Patricia Bonnici, Antida Grech, Josephine Muscat, Doris Muscat, Catherine Refalo, Mimmie Sciriha, Grace Chetcuti, Miriam Camilleri, Filomena Borg, Rita Mizzi, Antonia Camilleri, Mary Vella, M'Anne Agius, Jinny Mallia, Filippa Camilleri

# Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 3 ta' Frar 2011

Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta

Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

---

# BREAKFAST & SNACK

L-Hamis 10 ta' Frar 2011.

Soreda Hotel, Qawra.

9:00a.m.- ara t-trasport

€14 li jinkludi t-Trasport, Full breakfast buffett, Ftira biz-Zejt, Dezerta, Drink u rigali x'jintrebhu.

**Ikollna:**

# Quddiesa ; # Breakfast Buffet ; # Tombla ; # Ftira biz-Zejt, Dezerta u Drink ; # Tombla u Raffles ; # Ruzarju Flimkien ;

**TRASPORT:**

08:30a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Gharghur, mill-Pjazza tan-Naxxar u Hal Kirkop
08:45a.m. Tluq mill-R&G Iron., mill-Oratorju, minn hdejn Margaret, min San Giljan, B'Kara. u mill-Mellieha.
09:00a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Mosta u min San Pawl
03:30p.m. Tmiem

---

# LAQGĦA TA' TALB U QUDDIESA

Il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011

Fl-Oratorju Qalb ta' Gesu, Mosta

Fis-6:00p.m.

* Hin ta' Adorazzjoni u talb
* Quddiesa bi hsieb spiritwali
* Niehdu kafe flimkien u nispiccaw fit-7:45p.m.

**Trasport:**

5:00p.m. Minn Hal Kirkop, Mellieha
5:30p.m. Minn Fleur-de-lys, San Pawl, San Giljan, Gharghur, B'Kara
5:45p.m. Minn Naxxar

---

# WEEKEND BREAK F'GĦAWDEX

Mill-Gimgha 25 sal-Hadd 27 ta' Frar 2011

Fid-Down Town Hotel, Rabat, Ghawdex.

**FULLY BOOKED**

# CARNIVAL DINNER DANCE

Il-Gimgha 4 ta' Marzu 2011

F'Ta' Soldi Rest., Mgarr

6:45p.m. Tombla u
8:00p.m. Ikla, Kompetizzjoni tal-Kostum u Muzika

€18 Kbar – €9.50 t-Tfal

* Tombla * Divertiment * Raffles
*Ikla Set Menu * Kompetizzjoni tal-Kostum *
Rigal lil kull min jattedni *

**Trasport**

**05:05p.m.** Tluq mill-Mellieha
**05:15p.m.**Tluq minn San Pawl, Hal Kirkop, mill-Pjazza tal-Gharghur u mill-Imsida.
**05:30p.m.** Tluq mill-pjazza tan-Naxxar, mill-R & G Ironmongery, mill-Oratorju, Fleur-de-lys, minn B'Kara ,minn hdejn Margaret u minn San Giljan.
**05:45p.m.** Trasport mill-pjazza tal-Mosta
**11:30p.m.** Tmiem ta' l-attivita u trasport lura d-dar

---

# WEEKEND BREAK F'GĦAWDEX

Mill-Gimgha 11 sal-Hadd 13 ta' Marzu 2011

Fid-Down Town Hotel, Rabat, Ghawdex.

***Il-Prezz jinkludi:-***

- Trasport mid-dar ghac-Cirkewwa u lura
- Akkomodazzjoni gewwa d-Down Town Hotel
- Ikla buffet il-Gimgha filghaxija, is-Sibt filghaxija u l-Hadd f'nofsinhar u drink ma' kull ikla.
- Breakfast buffet is-Sibt u l-Hadd
- Harga bil-coach il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd
- Zjara f'diversi postijiet
- Afternoon tea & Tombla l-Gimgha wara nofsinhar

**Aktar dettalji u l-prezz jinsabu fil-programm li ghandek mal-fuljett**

---

# Jum ta' Talb

*Il-Kumitat tax-Xirka Nazzjonali se jorganizza Jum ta' Talb flimkien ghal zmien ir-Randan*

Data: Il-Hadd 20 ta' Marzu 2011,
Post: Porziucola Hse Bahar ic-Caghaq
Hin: Fid-9:00a.m. tluq tat-trasport mill-lokalitajiet kollha fit-8:00a.m.
Prezz: €18.

Ikollna Quddiesa, laqghat ta' taghlim, Hin ghat-talb u ikla f'nofsinhar. Nispiccaw dan il-jum fl-4:30p.m.

---

GHALL-BILJETTI JEW DETTALJI CEMPEL:
**Mosta:** Margaret 21410683 ; Carmena 21432074; Kanen **Naxxar** 21411864; Louise **Fleur de lys** 21491676; Guza **B'Kara** 21488822 Carmen **B'Kara** 21448710; Maria **San Pawl** 21571048; Doris **Gharghur** 27431029;Mary **San Giljan** 21359747; Carmen **Marsa** 21232071; Esther **Mellieha** 21520014; Censina **Hal Kirkop** 79433478.

## Programm ta' Frar

### *ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI*

**Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011**

6:30p.m. Quddiesa u Adorazzjoni, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Wara l-Adorazzjoni tingħad it-talba ta' tpattija għad-Dagħa.

**L-Gimgha 18 ta' Frar 2011**

6:00p.m. Laqgha ta' Talb u Quddiesa Fil-Kappella tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu.
Dettalji f'pagna 3
.

**Il-Ħamis 3 ta' Marzu 2011**

6:30p.m. Quddiesa u Adorazzjoni, fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Wara l-Adorazzjoni tingħad it-talba ta' tpattija għad-Dagħa.

### *ATTIVITAJIET SOĊJALI*

**Il-Ħamis 10 ta' Frar 2011**

Breakfast u Snack,
fis-Soreda Hotel, Bugibba.
Dettalji f'paġna 3.

**Mill-Gimgha 25 sal-Ħadd 27 ta' Frar**

Weekend Break Ghawdex,
fid-Down Town Hotel, Rabat.
Dettalji f'paġna 3.

**Il-Gimgħa 4 ta' Marzu 2011**

Carnival Dinnar Dance
F'Ta' Soldi Rest., Mgarr
Dettalji f'paġna 3.

**Mill-Gimgha 11 sal-Ħadd 13 ta' Marzu**

Weekend Break Ghawdex,
fid-Down Town Hotel, Rabat.
Dettalji f'paġna 3.